



GWIDA GĦALL-PORTAL TAL-PŻR

Merġba fil-Portal tal-Iżvilupp Rurali tal-2014-2020!

Din il-gwida tagħti ħarsa ħafifa lejn il-funzjonijiet u l-kontenut kollu tal-Portal, li jiġu aġġornati ta' sikwit, biex jgħinuk issib dak li qiegħed tfittex!

Din hija l-paġna ewlenija tal-Portal: minn hawn tista' tidħol fit-taqsimiet u l-funzjonijiet kollha



Ingħaqad fid-dibattitu!


Il-forum opENRD jagħtik opportunità eċċellenti li tingħaqad mal-aħħar diskussjonijiet b'raba mal-PŻR futuri u l-implimentazzjoni tagħhom. Agħmel skambju tat-tagħrif u l-esperjenza, aqşam il-kwistjonijiet u sib soluzzjonijiet (komuni) u sir parti mid-dibattitu!

Il-Prijoritajiet tal-PŻR

Dawn il-ħoloq jagħtu aċċess dirett għal tagħrif dwar il-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali għall-2014-2020. F'kull taqsima l-prijoritajiet huma spjegati u appoġġati permezz ta' riżorsi rilevanti tal-ENRD u riżorsi oħrajn biex iwasslu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-PŻR (p.eż. lezzjonijiet meħuda mix-xogħol tematiku tal-ENRD, riżorsi mill-UE u l-Istati Membri, eżempji ta' implimentazzjoni tal-PŻR).

Il-Logo tal-ENRD

Billi tagħfas fuq dan il-logo tista' tmur lura lejn il-paġna ewlenija tal-ENRD.



The screenshot shows the ENRD website with the following sections:

- Header:** European Commission logo, ENRD title, and navigation links (Sitemap, Search, Contact, Legal notice, English (en)).
- Breadcrumb:** European Commission > Agriculture and Rural Development > Rural Development > Rural Development Gateway 2014-2020 > ...
- Main Title:** Rural Development Gateway 2014-2020
- Policy in Action:** CAP towards 2020 > Rural Development Gateway 2014-2020
- Join the debate!**
 - Your contribution to the Communicating Rural Development Event (CRD event) - Latest comment by Ana Nechita on 17-Jan-14
 - LEADER IT system for 2014-20 - Latest comment by Marina Brakalova on 06-Dec-13
- Rural Development Priorities:**
 1. Knowledge Transfer
 2. Competitiveness
 3. Food chain
 4. Ecosystems
 5. Resource efficiency
 6. Social inclusion
- Central Grid:**
 - Legislation & Guidelines
 - RDP Planning
 - RDP Implementation
 - Insight from 2007-2013
 - Policy Overview 2014-2020
 - Monitoring & Evaluation (M&E)
 - Networking
 - Community-led Local Development (CLLD)
 - Candidate Countries
- New on the Gateway:**
 - Key insights from Successful Programming Seminar
 - EU Rural Review - Knowledge Transfer & Innovation
 - EAFRD brochure - Social Inclusion
- Upcoming events:**
 - "RURBAN - sustainable rural-urban partnerships"
 - Scottish LEADER Conference 2014
 - 7th Forum for the Future of Agriculture
- Footer:** European Network for Rural Development logo, European Evaluation Network logo, and "Last updated" text.

Ikompli fil-paġna li jmiss...

Il-funzjoni tat-tfittxija

Qiegħed tfittex xi tagħrif, iżda ma tafx fejn għandek issib? Il-kamp ta' tfittxija jgħinek issib, f'qasir żmien, kontenut mill-Portal u mill-bqija tas-sit tal-ENRD.

X'hemm ġdid fil-Portal?

Ta' valur partikolari għal dawk li jużaw ta' spiss il-Portal, din il-funzjoni Prattika tagħti aċċess għall-aħħar aġġornamenti u dokumenti ppubblikati fuq il-Portal.

L-Avvenimenti li Ġejjin

Ibqa' aġġornat dwar l-avvenimenti li jkunu se jiġu organizzati fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bħala appoġġ għal għadd ta' aspetti tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-PŻR għall-2014-2020.

Il-qalba tal-paġna ewlenija tal-Portal tagħti aċċess għal minjiera ta' riżorsi tal-ENRD u riżorsi oħra li jkopru aspetti ġenerali tal-politika għall-2014-2020 u temi ewlenin tal-implimentazzjoni tal-PŻR. Kull taqsima toffri għarfien li jibni fuq esperjenza ppruvata u se jappoġġa t-tnejnija aħjar ta' PŻR futuri.

Policy Overview 2014-2020

Il-prospett tal-politika għall-2014-2020 iressaq il-politika tal-iżvilupp rurali fil-kuntest tal-qafas strateġiku għall-2014-2020 filwaqt li jenfasizza r-rabtiet bejn id-dokumenti strateġiċi u l-istadji fl-implimentazzjoni tal-politika.

Legislation & Guidelines

Il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida għandhom l-għan li joffru tagħrif aġġornat dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE b'rabta mal-ipjanar u l-implimentazzjoni futuri tal-PŻR, kif ukoll ifiehem r-rabtiet interni bejn id-diversi atti leġiżlattivi tal-UE u mal-livell nazzjonali.

RDP Planning

L-ippjanar tal-PŻR ifiehem fid-dettall il-passi fil-proċess tal-ippjanar u t-tnejnija tal-PŻR li jmiss flimkien ma' skeda ta' żmien indikattiva għall-adozzjoni tal-PŻR għall-2014-2020. Riżorsi utli u dokumenti ta' gwida jappoġġaw din it-taqsima.

RDP Implementation

L-Implimentazzjoni tal-PŻR tinkludi riżorsi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-PŻR għall-2014-2020: rabtiet mal-ħidma tal-ENRD u lezzjonijiet meħuda fil-perjodu ta' programmar attwali, eżempji relevanti ta' implimentazzjoni tal-PŻR għall-2007-2013 u aġġornamenti dwar ħidma tematika attwali li tappoġġa l-implimentazzjoni b'suċċess ta' PŻR futuri.

Insight from 2007-2013

Għarfien mill-2007-2013 jinkludi ġabra ta' riżorsi ta' siwi b'rabta mat-temi ta' politika elwenin li l-ENRD ħadmet fuqhom tul il-perjodu ta' programmazzjoni għall-2007-2013. Dan jiġbor l-iktar tagħlimiet ewlenin ta' relevanza għall-2014-2020.

Networking

Networking b'mod speċifiku jiffoka fuq ir-rwol tan-netwerking bħala għodda ta' politika għall-iżvilupp rurali u r-relevanza tiegħu għal PŻR futuri. Lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi attwali, stejjer ta' suċċess u gwida huma inklużi f'din it-taqsima.

Community-led Local Development (CLLD)

Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità jiffoka speċifikament fuq il-kisba ta' fehim iktar fil-fond dwar l-approċċ futur għall-iżvilupp lokali li se jippermetti li l-appoġġ mogħti permezz ta' LEADER ikun konsistenti u kooridnat mal-appoġġ għall-iżvilupp lokali minn fondi oħra tal-ESI. Lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi attwali, eżempji ta' implimentazzjoni ta' LEADER u gwida huma inklużi f'din it-taqsima.

Monitoring & Evaluation (M&E)

Monitoraġġ u Evalwazzjoni hija ddedikata għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' Programmi ta' Żvilupp Rurali, b'taqsimiet speċifiċi dwar LEADER u TNC, evalwazzjoni tal-NRN u tagħrif dwar il-bidliet ewlenin fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni għall-2014-2020.

Candidate Countries

Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Potenzjalment Kandidati toffri għażla ta' tagħrif (avvenimenti, inizjattivi tematiċi u ta' networking) minn pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati tal-UE li jiffoka l-attenzjoni b'mod partikolari fuq il-proċess tat-tnejnija tal-politika futura tal-iżvilupp rurali.